# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**Rikors Nru. 704/20JRM**

Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Numru 991/20 fl-ismijiet:

**WESTERN COMPANY LIMITED** (C – 19994)

vs

Anthony **LIA** u Liaco Limited (C – 9805)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq minn Anthony Lia u Liaco Limited fil-11 ta' Awwissu, 2020, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbu li din il-Qorti (i) tordna, provviżorjament u sa ma jkun maqtugħ dan ir-rikors, lis-sekwestratarji biex ma jiddepożitawx taħt l-awtorità tal-Qorti ebda ammont li jista' jkollhom u li jista' jappartieni lill-esponenti eżekutati; (ii) u (iii) li

jeżistu raġunijiet tajba biżżejjed biex jitħassar il-Mandat ta' Sekwestru fuq imsemmi għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(b),(ċ),(d) u (e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (iv) u (v) tħassar għalhekk l-imsemmi Mandat kemm fil-konfront tal-eżekutat Anthony Lia u kif ukoll fil-konfront tal-eżekutata Liaco Limited; (vi) f'kull każ, jekk kemm-il darba l-Qorti ma jidhrilhiex li hemm raġuni tajba biex tordna t-tħassir tal-Mandat, li tordna lill-intimata eżekutanti Western Company Limited li, fiż-żmien stabbilit, tagħti garanzija xierqa biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż u d-danni għall-finijiet tal-artikolu 838A tal-Kap 12 tal-istess Kodiċi, u fin-nuqqas li jitħassar il-Mandat; u (vii) u (viii) li ssib li hemm raġunijiet tajbin biżżejjed li l-eżekutanti Western Company Limited għandha tħallashom penali kif maħsub fl-artikolu 836(8) (d) tal-istess Kodiċi u tikkundannaha tħallas il-penali li l-Qorti jogħġobha tillikwida;

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta' Awwissu, 2020, li bih ordnat in-notifika lill-intimata eżekutanti bi żmien għan-Nota bħala tweġiba għat-talbiet tal-eżekutati;

Rat in-Nota mressqa mill-intimata eżekutanti fl-4 ta' Settembru, 2020, li biha u għar-raġunijiet hemm minnha msemmijin, laqgħet għat-talba tal-eżekutati billi, b'mod preliminari, qalet li l-proċedura tallum ma tiswiex għaliex, ladarba l-intimata diġà fetħet kawża dwar il-pretensjonijiet fil-mertu, dan ir-rikors imissu tressaq fl-atti ta' dik il-kawża u quddiem il-Qorti li qiegħda tismagħha. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li jekk l-eżekutati tassew kellhom il-fehma li jiddepożitaw is-somma pretiża fil-Mandat b'ċedola taħt l-awtorità tal-Qorti, setgħu għamlu hekk mill-ewwel u jiffrankaw din il-proċedura billi l-Mandat kien jitħassar b'kontro-mandat mad-depożitu. Żiedet tgħid li l-pretensjoni tagħha ġejja mill-fatt li hija kienet għaddiet vettura impurtata f'Malta għat-tiswija u, minflok, saret ħsara akbar, u għalhekk iż-żewġ eżekutati jridu jwieġbu għal għemilhom fil-proċedura miftuħa dwar il-mertu tal-każ. Tgħid, għalhekk, li la għandha tħallashom penali minħabba l-ħruġ tal-Mandat u lanqas għandha għalfejn tagħti garanzija għall-finijiet tal-artikolu 838A tal-Kap 12;

Rat l-atti kollha tar-rikors u tal-Mandat li għalih jirreferi;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija proċedura taħt l-artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju jew, tal-anqas, għall-kundanna tal-għoti ta' garanzija u kif ukoll li l-Qorti tikkundanna lill-intimata eżekutanti biex tħallas penali skond l-artikolu 836(8) tal-istess Kodiċi;

Illi mill-fatti ewlenin rilevanti għall-kwestjoni jirriżulta li l-intimata eżekutanti (minn issa 'l hemm imsejħa "Western") għandha pretensjonijiet kontra l-intimati eżekutati (minn issa 'l hemm imsejħa "l-eżekutati") dwar vettura tal-għamla "*Subaru Impreza WRX-STI*" impurtata f'Malta u li Western ħadet għat-tiswija u li għal żmien twil inżammet għand l-eżekutati u ġarrbet ħsarat u, saħansitra, partijiet minnha nbiegħu lil ħaddieħor sakemm kienet għat-tiswija;

Illi fil-31 ta' Lulju, 2020, Western talbet u kisbet il-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju kontra l-eżekutati b'ħarsien tal-pretensjoni tagħha dwar spejjeż, telf ta' qligħ u tnaqqis fil-valur tal-imsemmija vettura. It-talba fil-Mandat kienet għas-somma ta' ħmistax-il elf u ħames mitt euro (€ 15,500). Il-Mandat inħareġ lil seba' (7) sekwestratarji, fil-biċċa l-kbira minnhom banek kummerċjali;;

Illi fit-2 ta' Settembru, 2020, Western fetħet kawża quddiem din il-Qorti[1] kontra l-eżekutati biex titlob is-sejbien ta' ħtija u l-liwidazzjoni u l-kundanna tal-ħlas tad-danni;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt marbuta ma' din ix-xorta ta' proċedura, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet li għadha trid tinstema' minn din il-Qorti (diversament presjeduta);

Illi huwa stabilit li l-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[2];

[1] Rik. Nru. 788/20FDP (mhix appuntat)
[2] Kumm GMA **23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)

Illi l-Qorti tibda biex tqis il-preġudizzjali tan-nuqqas ta' ritwalità tar-rikors imqajma minn Western. Hija tgħid li l-proċedura messha tressqet mod ieħor u quddiem il-Qorti li qiegħda tisma' l-kawża;

Illi din l-"eċċezzjoni" mhijiex tajba. Minbarra li, fi proċedura bħal din, it-tqanqil ta' eċċezzjonijiet preliminari m'għandux bħala regola jitħalla jsir, joħroġ ċar li, dakinhar li l-eżekutati nedew din il-proċedura tallum, il-kawża li Western fetħet kontra tagħhom kienet għadha ma tressqitx. Din il-proċedura nbdiet mill-anqas ħmistax-il jum qabel infetħet il-kawża u għalhekk ma setgħetx titressaq mod ieħor minn kif tressqet tabilħaqq;

Illi bl-**ewwel talba** tagħhom, l-eżekutati jitolbu lill-Qorti biex, sakemm tqis it-talbiet l-oħrajn tagħhom f'dan ir-rikors, iżżomm lis-sekwestratarji milli jgħaddu biex jiddepożitaw taħt l-awtorità tagħha ammonti li jista' jkollhom f'idejhom f'isem l-istess eżekutati. Huma jfissru li qegħdin iressqu talba bħal din biex, f'każ li aktar minn wieħed mis-sekwestratarji msemmija fil-Mandat jgħaddu biex jiddepożitaw is-somma jew parti minnha[3], ma jkunx meħtieġ li huma jkollhom għalfejn joqogħdu jiftħu proċeduri għall-iżbank tal-ammont li jista' jkun depożitat żejjed mis-somma pretiża fil-Mandat;

Illi l-Qorti tqis li talba bħal din ma hijiex postha fi proċedura bħal din. L-għan ta' din il-proċedura huwa dak li tqis jekk għandhiex tordna t-tħassir tal-Mandat li jkun u hija maħsuba bħala proċedura sommarja li ma tiħux żmien twil biex tinqata'. Minbarra dan, jekk kellha tintlaqa' talba bħal dik, jiġi li tkun qiegħda ssir oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni tal-Mandat qabel tkun saret tali eżekuzzjoni. Il-liġi dan ma tridux. Fit-tielet lok, jekk il-Qorti kellha tilqa' t-talba kif magħmula b'mod indiskriminat, l-ebda wieħed mis-sekwestratarji ma jkun marbut li jwettaq ir-rabta tiegħu fil-liġi skond il-Mandat u b'hekk tinqatel is-saħħa tal-Mandat innifsu, għaliex b'dak il-mod, l-eżekutant ma jkunx jaf jekk il-pretensjonijiet tiegħu ġewx tassew kawtelati bil-ħruġ tal-Mandat minnu mitlub;

Illi l-Qorti se tgħaddi biex tqis it-**talbiet għat-tħassir tal-Mandat**. Fil-każ tal-lum, l-eżekutati jibnu t-talbiet tagħhom għat-tħassir tal-Mandat fuq erba' (4) kawżali, u jiġifieri (a) li waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandat ma tkunx għadha fil-fatt teżisti; (b) li hemm garanzija

[3] Artt. 376(2)(e) u 849 tal-Kap 12

xierqa oħra biex tissodisfa l-pretensjonijiet tal-eżekutant; (ċ) li l-ammont mitlub fil-Mandat huwa wieħed mad-daqqa t'għajn mhux ġustifikat jew eċċessiv; u (d) li l-garanzija mogħtija titqies mill-Qorti li hija tajba biżżejjed biex tordna t-tħassir tal-Mandat. Minbarra dan, jisħqu wkoll fuq il-fatt li l-eżekutat Anthony Lia mhuwa bl-ebda mod il-kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet ta' Western u jmissu jinħeles mill-imsemmi Mandat:

A) <u>Il-kawżali li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandat m'għadhiex teżisti</u> [Art. 836(1)(b)]. Jidher li l-eżekutati jorbtu din il-kawżali b'mod ewlieni mal-argument li l-eżekutat Anthony Lia ma huwa bl-ebda mod imdaħħal f'din il-kwestjoni ladarba ma għandu l-ebda rabta ġuridika ma' Western;

Illi din id-dispożizzjoni, skond il-kliem użat fiha, ġiet imfissra bħala riferenza għal xi waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li kienet teżisti fil-waqt tal-ħruġ tal-istess att iżda li, wara l-ħruġ tal-istess Mandat, ma baqgħetx teżisti iżjed[4]. Għalhekk, jekk wieħed irid jimxi ma' tali tifsira, wieħed irid juri li l-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat trid tkun naqset wara li nħareġ l-att;

Illi l-ħtiġiet li l-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-Mandat; (b) li (flimkien mal-att jew fi żmien preskritt wara) ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt, (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbiltà tal-persuna li tkun talbitu;

Illi minn dak li għandha quddiemha l-Qorti f'dawn l-atti, jidher li, għall-kuntrarju ta' dak li jallegaw l-eżekutati, il-Mandat baqa' jħares dak li titlob il-liġi minn kull Mandat kawtelatorju għas-siwi tal-ħruġ tiegħu. Dan jingħad kemm għaliex l-allegazzjoni tal-eżekutat Anthony Lia jidher li timplika li l-Mandat ma messu nħareġ qatt kontrih personalment u kif ukoll għaliex ma ressaq l-ebda ħjiel prova biex juri kif, wara li nħareġ il-Mandat, kien hemm xi ċirkostanza li bis-saħħa tagħha ġiet nieqsa xi waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tiegħu;

[4] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Dr. Tonio Fenech noe et vs Dr. Patrick Spiteri noe et noe***

Illi l-kwestjoni dwar jekk l-eżekutat Anthony Lia huwiex jew le il-kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet ta' Western mhijiex ħaġa li l-Qorti trid tqis fi proċedura bħal din. Aktar u aktar meta joħroġ li l-kawża li fetħet Western fetħitha kontrih ukoll, u dak il-fatt huwa biżżejjed għal din il-Qorti fl-eżami li trid tagħmel biex tistħarreġ is-siwi ta' talba għat-tħassir tal-Mandat. Hija l-Qorti li quddiemha tressqet il-kawża li se tkun f'qagħda mill-aħjar li tqis din il-kwestjoni fil-waqt xieraq u din il-Qorti ma għandha tagħmel jew tgħid xejn li bih id dik il-Qorti tista' tintrabat qabel ma hija tisma' u tqis xi provi għandhom xi jressqulha l-kontendenti f'dak ir-rigward;

Illi fejn tidħol l-eżekutata, ir-raġuni għat-tħassir tal-Mandat kontriha taħt din il-kawżali hija aktar dgħajfa minn dik fir-rigward tal-eżekutat;

Illi, għalhekk, il-Qorti ssib li l-eżekutati ma seħħilhomx juruha raġuni tajba għaliex il-Mandat għandu jitħassar taħt din il-kawżali;

B) <u>L-eżistenza ta' garanzija xierqa oħra biex tagħmel tajjeb għall-pretensjoni ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat</u> [Art. 836(1)(ċ)]. Fil-każ tal-lum, ir-rikorrenti eżekutati qegħdin jgħidu li din il-garanzija alternativa għall-pretensjonijiet ta' Western tinsab fil-fakultà (isejħulha "il-kapaċità") li huma għandhom biex iqiegħdu s-somma pretiża bil-Mandat b'ċedola taħt l-awtorità tal-Qorti;

Illi Western tisħaq li jekk dan tabilħaqq huwa minnu, l-eżekutati messhom qabdu u għamlu dak li jgħidu u kienu jiksbu bla dewmien il-kontro-mandat li jridu. Imma sakemm dan isir, ma jistgħux jippretendu li, fuq is-saħħa ta' dak il-ħsieb biss, din il-Qorti ssib li ngħatat il-garanzija tajba alternattiva li l-liġi titlob;

Illi biex jista' jingħad li teżisti garanzija xierqa oħra li tagħmel tajjeb għall-pretensjoni ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat għall-finijiet tal-Artikolu 836(1)(ċ) tal-Kodiċi, irid jintwera li tali garanzija trid tkun tinstab fi ħdan l-istess persuna eżekutata, u dan, ġeneralment, minn stħarriġ tal-ġid li hija jista' jkollha, ukoll jekk tali garanzija hija kostitwita "bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor". Kreditu li jista' jkun dovut lill-persuna eżekutata minn terza persuna ma jammontax bħala garanzija adegwata fil-konfront ta' intimat eżekutat ieħor[5]. Iżda, min-naħa l-oħra, l-biżgħa li l-ġid alternattiv li

---

[5] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***

jitressaq bħala garanzija jista' jintuża mid-debitur eżekutat biex jiggarantixxi xi obbligazzjoni oħra m'għandhiex, waħedha, sservi biex tirrendi dak il-ġid bħala mhux xieraq bħala garanzija alternativa għall-pretensjoni tal-eżekutant[6]. Wara kollox, il-Qorti tista' dejjem torbot lil min iressaq il-garanzija alternativa xierqa biex ma jagħmel xejn dwar dak il-ġid li bih jista' jnaqqas jew ixellef is-saħħa ta' dik il-garanzija;

Illi, f'materja ta' garanzija xierqa alternativa, l-piż tal-prova li jeżisti ġid ieħor li jista' jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-intimat eżekutant jaqa' biss fuq il-parti eżekutata rikorrenti[7]. Fuq kollox, tali garanzija trid tkun waħda soda, ċara u realiżżabbli lill-eżekutant[8];

Illi meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha li jduru mal-każ, wieħed isib li l-garanzija alternativa li l-eżekutati jsemmu s'issa ma tirriżultax. Kif sewwa tgħid Western, jiddependi biss mill-eżekutati jew minn min minnhom li jagħmlu dak li jgħidu li jistgħu jagħmlu[9] u mbagħad, fiċ-ċirkostanzi xierqa, jassikuraw il-ħruġ tal-kontro-mandat minnhom mitlub;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li fuq din il-kawżali ma ntwerietx raġuni tajba biżżejjed biex tħassar il-Mandat;

Ċ) <u>L-ammont mitlub mhuwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv</u> [Art. 836(1)(d)]. Din il-kawżali tidher li hija ewlenija għall-argument tal-eżekutati. Huma jisħqu li l-pretensjoni ta' Western hija waħda fiergħa u mnissla minn tħaddim abbużiv tal-proċedura maħsuba biss biex iġġibilhom ħsara bla bżonn. Iżidu jgħidu li, għall-kuntrarju tal-pretensjonijiet ta' Western, għandu jirriżulta li huma l-kredituri tal-eżekutanti[10] u li l-eżekutat Anthony Lia lanqas biss ma huwa debitur tagħha għaliex lanqas kellu x'jaqsam bl-ebda mod ma' tali pretensjoni;

Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimat eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk wasalx biex

---

[6] Ara P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***
[7] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr. Tonio Fenech noe vs Dr. Patrick Spiteri pro et noe et***
[8] Ara P.A. TM **20.2.2003** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Ranger Company Ltd vs Euro Imports Ltd.***
[9] Ara Par. 28 tat-Tweġiba f'paġ. 7 tal-atti
[10] Par 33 tat-Tweġiba f'paġ. 8 tal-atti

"jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti[11];

Illi l-kawżali li Western tat biex kisbet il-ħruġ tal-Mandat hija ċara u ma titlobx stħarriġ mirqum. Hija pretensjoni, imma dan huwa biżżejjed għall-finijiet tar-raġuni li dwarha nħareġ il-Mandat. Fuq kollox, hija pretensjoni li kienet dedotta wkoll f'att ġudizzjarju (ittra taħt l-artikolu 166A tal-Kap 12) imressaq minnha qabel ma ressqet it-talba għall-ħruġ tal-Mandat u li l-eżekutati ikkontestaw. L-ammont tal-pretensjoni kawtelata huwa mfisser tajjeb ukoll. Il-kwestjonijiet dwar jekk il-pretensjoni hijiex mistħoqqa jew jekk Western ħaqqhiex tingħata l-ammont kawtelat huma kwestjonijiet li l-Qorti li quddiemha hemm il-kawża fil-mertu trid tqis u taqta' dwarhom;

Illi, għal din ir-raġuni wkoll il-Qorti ma ssibx li t-talba tal-eżekutata fuq din il-kawżali hija mistħoqqa;

D) Jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-Qorti li tkun biżżejjed [Art. 836(1)(e)]. Il-Qorti terġa' ttenni l-fehmiet tagħha dwar dak li ssemma fil-kawżali taħt l-artikolu 836(1)(ċ) għaliex l-eżekutati jistrieħu fuq l-istess ċirkostanzi;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li t-talba għat-tħassir tal-Mandat lanqas fuq din il-kawżali mhijiex tajba lanqas;

Illi ladarba l-Qorti waslet għall-fehma li ma tilqax it-talbiet għat-tħassir tal-Mandat fil-konfront tal-ebda wieħed miż-żewġ eżekutati, tgħaddi biex tqis is-**sitt talba** tar-rikorrenti eżekutati, li hija talba sussidjarja għall-ewwel ħames talbiet;

Illi dwar it-talba tar-rikorrenti eżekutata għall-għoti ta' garanzija irid jingħad li l-eżekutati ftit li xejn ġabu 'l quddiem raġunijiet biex isostnuha jew biex ifiehmu lil din il-Qorti liema huma ċ-ċirkostanzi li jiġġustifikaw li tilqa' din it-talba tagħhom. Jidher li ressqu din it-talba bħala

[11] Ara P.A. RCP **29.11.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***

effett awtomatiku f'każ li l-Qorti – bħalma sejra tagħmel – ma tilqax it-talbiet tagħhom għat-tħassir tal-Mandat maħruġ kontrihom;

Illi l-liġi trid li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu[12]. Hekk ukoll ma jwassalx tabilfors għall-għoti ta' garanzija mill-eżekutant il-fatt li talba għat-tħassir tal-Mandat mill-eżekutat ma tintlaqax. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-ħtija kif imfissra fl-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili[13];

Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-eżekutat jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju u bħala konsegwenza ta' tali ħruġ[14], u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni;

Illi l-ammont tal-garanzija li jrid jiġi iffissat irid iżomm bilanċ xieraq bejn il-jedd li persuna tressaq att kawtelatorju biex tħares il-pretensjonijiet tagħha f'kawża pendenti, u l-effett li tali att iħalli fuq il-persuna li kontra tagħha jinħareġ dak il-Mandat. Ta' min jgħid hawnhekk li l-ordni biex tingħata garanzija mhijiex l-istess bħal kundanna ta' penali jew kundanna għall-ħlas ta' danni: l-għan waħdieni tagħha huwa li tqiegħed lill-parti eżekutata f'qagħda li, meta u jekk tintemm proċedura jew kawża għal dan il-għan, issib assi li fuqhom tkun tista' teżegwixxi deċiżjoni favorevoli għaliha;

Illi, b'żieda ma' dan kollu, talba għall-għoti ta' garanzija taħt l-artikolu 838A tal-Kap 12 tista' tintlaqa' biss, bħal f'dan il-każ tallum, fejn ma tkunx intlaqgħet it-talba għat-tħassir tal-Mandat;

Illi Western ittenni li ma hemmx raġuni tajba biex din il-Qorti tilqa' t-talba tal-eżekutati f'dan ir-rigward;

Illi wara li qieset il-fatti kollha tal-każ u l-ftit sottomissjonijiet magħmula mill-partijiet, il-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li ma għandhiex tilqa' t-talba tal-eżekutati lanqas f'dan ir-rigward għaliex ma wrewx li

---

[12] Ara P.A. GC **4.10.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty***
[13] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***
[14] Ara P.A. GC **2.3.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Avukat Vincent Falzon noe vs Alex Sullivan***

Western imxiet b'mod li jwassal lil din il-Qorti biex torbotha bl-għoti ta' garanzija fil-kundizzjonijiet li taħseb dwarha l-liġi;

Illi għalhekk il-Qorti sejra tiċħad ukoll din it-talba tar-rikorrenti eżekutata;

Illi fis-**seba' u t-tmien talbiet** tagħhom, ir-rikorrenti eżekutati talbu wkoll ir-rimedju tal-kundanna ta' Western għall-ħlas tal-ogħla penali maħsuba fil-liġi;

Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[15];

Illi dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha[16]. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjetà fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż;

Illi f'dan il-każ, ir-rikorrenti eżekutati jsejsu t-talba tagħhom fuq tliet ċirkostanzi mill-erbgħa msemmija fl-artikolu 836(8) u jiġifieri (a) li l-eżekutant jonqos li jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew li naqas li jinterpella lill-eżekutati fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun inħareġ il-Mandat, biex iħallsu dak minnu pretiż[836(8)(b)]; (b) li ċ-ċirkostanzi tad-debitur eżekutat ma jurux dubju raġonevoli ta' stat ta' likwidita' jew dwar il-fakultajiet finanzjarji tiegħu [836(8)(ċ)]; u (ċ) li l-Mandat inħareġ b'ħażen u b'mod fieragħ u abbużiv [836(8)(d)];

Illi dwar l-ewwel ċirkostanza, il-Qorti tqis li l-liġi trid li qabel ma jinħareġ Mandat (u sakemm ma jkunx hemm raġunijiet ċari ta' urġenza)

---

15 Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.***
16 App. Ċiv. **13.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Rapa vs Raymond Sammut***

l-eżekutant jitlob lid-debitur tiegħu fi żmien ħmistax-il jum, biex iħallsu d-dejn li għandu miegħu;

Illi t-talba li ssemmi l-liġi ma tridx tkun tabilfors waħda solenni fis-sura ta' att ġudizzjarju jew kawża formali[17], u biżżejjed tkun waħda verbali. Fil-każ tal-lum, l-eżekutati jisħqu li, qabel ma nħareġ kontrihom il-Mandat mertu ta' din il-proċedura, Western ma kinitx bl-ebda mod interpellathom minn qabel biex jeffettwaw xi ħlas;

Illi Western tilqa' għal din it-talba billi tiċħad li jeżistu ċ-ċirkostanzi biex tkun ikkundannata tħallas penali lill-eżekutati. Taħt din iċ-ċirkostanza speċifika maħsuba fl-artikolu 836(8)(b) hija tgħid li fil-fatt kienet interpellat lill-eżekutati b'ittra taħt l-artikolu 166A tal-Kodiċi u tgħid ukoll li kien ilha tiġri warajhom biex iroddu lura l-vettura li kienet tħalliet għandhom biex tissewwa. Iżżid tgħid li ikun "kontro-sens" li wieħed jibgħat iwissi lil xi debitur tiegħu minn qabel li se jinħareġ Mandat kontrih u jagħtih żmien biex b'hekk jilħaq "jaħbi l-assi tiegħu" biex tali Mandat ma jagħtix l-effett mistenni;

Illi fl-ewwel lok jingħad li l-ħtieġa li kreditur jinterpella lid-debitur tiegħu qabel joħroġ kontrih Mandat kawtelatorju mhuwiex, kif tgħid Western, raġuni biex tħeġġeġ lid-debitur jilħaq jostor il-ġid tiegħu biex il-Mandat ma jkollux effett. Il-ħruġ ta' Mandat ma għandux ikun mezz biex kreditur jaħsad lid-debitur tiegħu dwar pretensjoni li qatt ma jkun għamillu qabel. Huwa sewwasew minħabba f'hekk li l-liġi ssemmi pre-avviż bħal dak. Fuq kollox, interpellazzjoni għall-ħlas m'hijiex tabilfors twissija ta' ħruġ ta' Mandat;

Illi fit-tieni lok, minkejja n-nuqqas ta' talba mill-parti eżekutanti lill-parti eżekutata fiż-żmien ta' ħmistax-il jum qabel il-ħruġ tal-att kawtelatorju, il-kundanna għall-ħlas tal-penali mhijiex awtomatika. Jekk joħroġ li l-att kellu jinħareġ, tkun raġuni biżżejjed biex is-sanzjoni tal-penali ma tingħatax[18]. F'dan il-każ, il-Mandat inħareġ dakinhar stess li Western ressqet ittra uffiċjali li l-eżekutati laqgħu u wieġbu għaliha dakinhar li ressqu din il-proċedura. Dan juri Western tat raġuni għalfejn kellha toħroġ il-Mandat u kemm kien hemm għalfejn iżżommu fis-seħħ;

[17] App. Ċiv. **13.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Rapa vs Sammut*** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.142**)
[18] P.A. GCD **26.10.1999** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Office Technology Limited vs J.M. Supplies Company Limited*** (mhix pubblikata)

Illi minħabba f'hekk, il-Qorti ssib li ma ntweriex li l-eżekutati tawha raġuni tajba biżżejjed biex timponi l-kundanna tal-penali kontra Western fuq din il-kawżali;

Illi, dwar it-tieni ċirkostanza, il-Qorti tqis li l-eżekutati jisħqu fuq il-fatt li ċ-ċirkostanzi tagħhom ma għandhom iħallu l-ebda dubju raġonevoli dwar il-likwidità u l-ħila tagħhom li jħallsu t-talbiet ta' Western li kieku dawn kellhom jirriżultaw mistħoqqa. Huma jgħidu li Western taf li huma għandhom negozju mrawwem bħala aġenti f'Malta ta' ditta ta' vetturi magħrufa mad-dinja kollha u dan kellu jkun biżżejjed biex Western iżżomm lura milli toħroġ il-Mandat;

Illi għall-finijiet ta' din il-kawżali, l-liġi trid mhux biss li l-parti li kontra tagħha jinħareġ il-Mandat turi li ċ-ċirkostanzi tagħha kienu hekk li ma jagħtux lok għal dubju raġonevoli dwar il-likwidità tagħha u l-ħila tagħha finanzjarja li tħallas it-talbiet tal-kreditur, iżda trid turi wkoll li dik il-qagħda tagħha kienet magħrufa sew. Għall-kuntrarju, jekk il-Qorti kellha toqgħod fuq is-sottomissjonijiet infushom tal-eżekutati, issib li l-istess eżekutati jisħqu fuq il-qagħda finanzjarja likwida tagħhom b'mod ġeneriku għall-aħħar bla ebda aċċenn għal xi dettal jew imqar b'dikjarazzjoni magħmula taħt ġurament. Fil-fehma tal-Qorti, dawn mhumiex elementi tajbin biżżejjed biex issib li bis-saħħa tagħhom biss tista' tikkundanna lil Western għall-ħlas tal-penali talli ħarġet il-Mandat;

Illi, dwar it-tielet ċirkostanza, l-eżekutati jibnu t-talba tagħhom fuq l-allegazzjoni li Western imxiet b'ħażen magħhom, l-aktar fir-rigward tal-eżekutat Anthony Lia, billi ħarġet kontrih il-Mandat b'mod fieragħ u meta kienet taf li ma kellu x'wieġeb xejn mill-pretensjonijiet tagħha;

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti tirreferi għall-kunsiderazzjonijiet li għamlet aktar qabel dwar il-qagħda tal-eżekutat Lia u ttennihom. Dan iġib l-effett li ma jistax jingħad li l-Mandat inħareġ b'ħażen, jew għal raġuni fiergħa jew inkella bil-ħsieb biss li ddejjaq lill-istess rikorrent eżekutat;

Illi l-istess ħaġa tista' tingħad dwar l-eżekutata Liaco Limited. Ladarba l-Qorti diġà tat il-fehma li ma hemmx l-ebda raġuni għalfejn imissha tilqa' t-talbiet għat-tħassir tal-Mandat, ma jidhirx li għandha raġunijiet għalfejn tgħabbi lil Western bil-kundanna għall-ħlas tal-penali talli nqdiet b'rimedju mogħti lilha mil-liġi u, minn dak li jidher mad-daqqa t'għajn f'dan l-istadju, fil-qies tiegħu;

Illi, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ma ssibx li jeżistu l-elementi biex tasal għall-fehma li t-talba għall-kundanna tal-penali hija mistħoqqa taħt l-ebda waħda mill-kawżali msemmija. Min-naħa l-oħra, ma jista' jingħad bl-ebda mod li r-raġunijiet li fuqhom intalab il-ħruġ tal-Mandat mertu ta' dan ir-rikors kienu fiergħa;

Illi għalhekk il-Qorti, f'dan l-istadju u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet diġà magħmula iżjed 'il fuq ma jirriżultawlhiex raġunijiet tajbin biżżejjed biex timponi l-kundanna għall-penali minħabba l-ħruġ tal-Mandat[19]. F'dan il-każ, il-Qorti sejra timxi wkoll fuq il-massima li l-bona fede hija preżunta u li l-ħażen irid jiġi ippruvat[20];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti eżekutati Anthony Lia u Liaco Limited billi:

**Tiċħad it-talbiet** tagħhom kollha billi ma jirriżultawx mistħoqqa la fil-fatt u lanqas fid-dritt, bl-**ispejjeż ta' din il-proċedura** kontra l-istess rikorrenti eżekutati.

Mogħti kameralment illum, 29 ta' Settembru, 2020.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

Komunika: Dr. Timothy Bartolo LL.D. – għar-rikorrenti eżekutati
Dr. David Camilleri LL.D. – għall-intimata eżekutanti

(kopja għan-notifika tal-partijiet)

---

[19] P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***
[20] Ara, per eżempju, App. Ċiv **7.7.1920** fil-kawża fl-ismijiet ***Miller Blacker pro et noe vs Howard*** (Kollez. Vol: **XXIV.i.554**)